# Illum jingħata l-aħħar tislima l-artist Ġanni Bonnici

## Il-funeral se jsir fil-Knisja Arċipretali ta' San Bastjan, Ħal Qormi, fejn insibu diversi opri tiegħu

**Raymond Miceli**

Illum fit-3.30pm tingħata l-aħħar tislima lill-artist Ġanni Bonnici fil-Knisja ta' San Bastjan f'Ħal Qormi, knisja li mogħnija b'diversi opri tiegħu. Bonnici miet is-Sibt li għadda, 17 tax-xahar, fl-età ta' 86 sena. Wara se jkun midfun fiċ-Ċimiterju tal-Mosta.

Minkejja li l-aktar li hu magħruf hu bħala skultur, sejjaħtlu artist għax anki jekk l-iskultura spikkat fih, kien imħarreġ sew u ta' ħila anki f'oqsma oħra, fosthom fiċ-ċeramika. Spikka wkoll bħala edukatur tal-arti.

Twieled il-Mosta fl-4 ta' Settembru 1932, iben furnar, kienu b'kollox 14-il tifel u tifla fil-familja. Minkejja li għex bosta snin f'Ħ'Attard, kien iqis ruħu bħala Mosti.

L-arti kienet fih sa minn ċkunitu. Għalih, anki meta għadu tfal, tih ftit tafal jew karta u b'xiex ipinġi, u kien jintilef għal ħin twil, jara x'jista' joħloq. Minkejja li ma kenitx il-linja li eventwalment qabad, il-mużika wkoll kienet tattirah u għamel żmien bandist mal-Banda Nicolò Isouard.

Meta kellu dawk l-10 jew 11-il sena, l-għalliem tal-arti tiegħu fil-primarja, Victor Fleri Soler, innota t-talent li kellu, u kien hu li ftit tas-snin wara introduċih ma' Mosti ieħor, Ġużepp D. Schembri, li eventwalment kien ħadu miegħu l-Iskola tal-Arti l-Belt.

Ġanni beda jattendi din l-iskola prestiġjuża f'Ottubru 1945. u hemm kellu bħala għalliema lil Edward Caruana Dingli, Vincent Apap, Antonio Micallef, George Borg u Carmelo Attard Cassar. Baqa' jattendi b'mod regolari sal-1954.

Sadanittant, sa mill-1948, kien beda jitħarreġ ukoll billi jaħdem ma' artisti fl-iskultura bħal Ġużeppi Barbara u George Borg Farrugia.

Fl-1950 kellu wkoll l-esperjenza li mar Ruma, l-Italja, fejn fost oħrajn żar il-Galleria d'Arte Moderna.

Is-sena ta' wara beda l-involviment tiegħu fiċ-ċeramika, b'Cecilia de Trafford tintroduċih mal-Ingliżi Charles Bone u martu Sheila Mitchell li spiss kienu jżuru Malta. Aktar 'il quddiem, meta fl-1953, Ġanni kien mar l-Ingilterra, kien qagħad għandhom fid-dar li għandhom f'Surrey.

Intant l-istess Cecilia de Trafford kienet sponsorjat lil Ġanni għal kors ta' sena biex jistudja ċ-ċerimoka f'Kulleġġ fi Stoke-on-Trent, fir-Renju Unit. Fi triqtu 'il hemm, mar l-Italja, fosthom f'Ruma, Firenze u Milan.

Lura Malta f'Mejju 1954, hu ngħata borsa ta' studju oħra, din id-darba ta' 4 snin fl-Accademia di Belle Arti ta' Ruma. Tul dawn l-4 snin ħa taħriġ ukoll minn bnadi oħra. Eventwalment ħa numru ta' boroż ta' studju oħrajn.

Fl-1958 Ġanni Bonnici kien introduċa t-tagħlim taċ-ċeramika fl-iskejjel lokali. Fl-1974 kien responsabbli mit-twaqqif tal-Iskola tal-Artiġġjanat f'Targa Gap il-Mosta fejn baqa' jgħallem sa ma irtira fl-1992.

Intant beda jkun ikkummissjonat diversi xogħlijiet. *(ara fil-kaxxa f'paġna 7).*

Artist tal-kalibru tiegħu ma jistax jonqos li jieħu sehem f'għadd ta' wirjiet, kemm personali kif ukoll kollettivi. Waħda mill-aktar importanti kienet dik li saret fl-2004 u l-bidu tal-2005 mill-Bank of Valletta u li l-kuratur tagħha kien Emmanuel Fiorentino. Madankollu qatt ma kien it-tip li jħobb itella' wirjiet personali, u pjuttost kien iħobb iżomm kemm kemm lura. Fil-fatt qabel dik tal-BOV, wirjiet tiegħu personali kellu tnejn: waħda fl-1968 fil-Mużew Nazzjonali l-Belt u oħra fl-1977 fil-Lukanda Verdala r-Rabat. Barra minn hekk, fiż-żewġ każi ma' George Fenech, kellu waħda fl-1955 fil-Palazzo de la Salle u oħra sentejn wara fl-Insitute for Cultural Exchanges, it-tnejn fil-Belt Valletta. Imbagħad iżda nsibu għadd kbir ta' parteċipazzjoni f'wirjiet kollettivi kemm f'Malta kif ukoll barra minn xtutna. Dawk lil hinn minn pajjiżu kienu f'Ruma fl-1958, f'Londra fl-1967 u fl-1970, fi New York fl-1970, f'Lisbona fl-1979 u fil-Ġermanja fl-1995

Settur ieħor li mhux biss Ġanni daħal fih, iżda wkoll spikka, kien dak li jiddisinja l-medalji. Sa mill-1985 iddisinja wkoll numru ta' bolli postali, fosthom ta' wħud minn dawk li kienu joħorġu apposta għal żmien il-Milied. Għal diversi snin, mill-1972 'il quddiem, serva bħala membru tal-iStamp Design Advisory Board.

Il-ħajja pjuttost mimlija li kellu wasslet biex dam kemxejn ma żżewweġ. Dan fil-fatt għamlu fil-21 ta' Awwissu 1971 meta fil-kappella tal-Kulleġġ ta' San Alwiġi ħa lil Pauline xebba Borg b'martu. Eventwalment kellhom żewġt ulied, Hermann (li llum hu perit u jispeċjalizza fl-arti tar-restawr) u Kurt (gradwat fil-Gografija u speċjalizza fl-iżvilupp tas-software).

għal paġna 7


Ġanni Bonnici jaħdem fuq statwa ta' San Ġorġ Preca fl-2009


Ġanni Bonnici (1932-2019)


Isir Membru tal-Ordni tal-Mertu fl-2002



minn paġna 6

Irċieva diversi unuri kemm minn Malta kif ukoll minn barra minn xtutna. Fl-1982 l-Associazione Nazionale d'Arti Culturale d'Italia tagħtu l-Italart Award. Fl-1990 il-Malta Society of Arts. Manufactures and Commerce tagħtu midalja tad-deheb għall-kontribut tiegħu fil-qasam tal-iskultura, filwaqt li fl-1993 ingħata l-Premio Città di Valletta organizzat mill-Editore Vincenzo Ursini di Catanzaro bil-kollaborazzjoni tal-Assoċjazzjoni tal-Poeti Maltin.








Fl-1999 imbagħad ingħata Ġieħ il-Mosta, filwaqt li f'Jum ir-Repubbblika tal-2002 il-President Guido de Marco ħatru Membru tal-Ordni Nazzjonali tal-Mertu.

*Biex stajt inwassal dan it-tagħrif sibt għajnuna fost oħrajn, minn iben Ġanni Bonnici, Hermann.*


Il-mural li għamel Ġanni Bonnici għal Bradford fil-Kanada.
L-artist jidher fir-ritratt


Dettall tal-kurċifiss li jiddomina fil-Knisja ta' San Bastjan f'Ħal Qormi

## Lista estensiva ta' xogħlijiet li wettaq Bonnici skont il-lokalità ta' fejn jinsabu

**Baħar iċ-Ċagħaq:** Żewġ statwi ta' San Franġisk t'Assisi (1974) u l-Madonna tal-Porziuncola (1975) it-tnejn għad-Dar tal-Irtiri ta' Porziuncola; diversi xogħlijiet għall-knisja ta' Santa Marija tal-Anġli (2002-2003)

**Il-Belt Valletta:** għen lil George Borg Farrugia f'xogħol fil-Knisja ta' San Nikola ta' Bari, magħrufa aħjar bħala Tal-Erwieħ (1948), xogħol ukoll ma' George Borg Farrugia fil-Casino Maltese (1948), funtana għall-bitħa tal-Berġa ta' Kastilja (1971),

**Birkirkara:** tabernaklu għall-Kulleġġ San Alwiġi (1989)

**Blata l-Bajda:** Madonna Reġina (1965, fil-bitħa tal-iskola Maria Reġina)

**Bradford, il-Kanada:** Kristu Rxoxt għall-Knisja tal-Martri Insara Ġappuniżi (1990), monument ta' daqs kbir ħafna quddiem l-istess knisja f'ġieħ il-martri Ġappuniżi (1993) u Via Sagra (188994)

**Burmarrad:** Marija Omm il-Maltin (1983) mal-faċċata tal-knisja

**Delimara:** monument astratt (1994) quddiem il-power station il-ġdida

**Il-Fgura:** il-monument tas-salib (1990)

**Il-Furjana:** Monument tal-Indipendenza (1989, fit-tarf tal-Mall, aktar tard riprodott fuq bolla postali ta' Malta), bust ta' Mons. Paolo Pullicino (1990), il-Monument ta' Anzac (Mejju 2003 fil-Ġonna tal-Argotti, eventwalment dan il-monument kien ġie riprodott fuq bolla postali tal-Awstralja)

**Għajn Dwieli:** San Ġużepp Ħaddiem (1963, mal-faċċata ta' dik li kienet l-Iskola Sekondarja Teknika)

**Ħal Far:** San Mikiel (illum mal-Laboratorju tal-Paċi, oriġinarjament kien sar fl-1967 għas-St Michael Training College f'Ta' Giorni)

**Ħal Lija:** Monument fil-bronz li jfakkar l-għaxar snin mit-twaqqif tal-Works Division (2002-03)

**Ħal Luqa:** L-Ewwel Passi fid-daħla tal-ajruport il-qadim (1984)

**Ħal Qormi:** tabernaklu (1983), 14-il stazzjon tal-Via Sagra (1986), it-tnax-il salib tal-konsagrazzjoni u induratura mill-ġdid tal-istatwa ta' San Bastjan (1986), l-altar u l-ambone (1987), Kurċifiss u tabernaklu (1988), it-tabernaklu taż-żejt u l-balzmu, ilkoll fil-knisja parrokjali ta' San Bastjan; monument għall-Gran Mastru Pinto fid-daħla tal-lokalità (2000)

**Ħal Tarxien:** għen lil Ġużeppi Barbara f'xogħol ta' skultura fil-knisja parrokjali (1948)

**Il-Ħamrun:** tabernaklu għall-kappella ta' Fra Diegu (1989), Via Sagra għall-Knisja tal-Kunċizzjoni (1991), statwa tal-bronz li turi li San Ġorġ Preca fil-Knisja ta' San Gejtanu (2009)

**L-Imqabba:** għen lil Ġużeppi Barbara fid-dekorazzjoni bl-iskultura tal-koppla li saret wara dik li waqgħet fit-Tieni Gwerra Dinjija (1948, meta Bonnici kien għad għandu 16-il sena)

**L-Isla:** monument għall-Vittmi tal-Gwerra (1991)

**Il-Mellieħa:** riljevi tal-bronz tar-Ragħaj it-Tajjeb u tal-Evanġelisti għall-knisja parrokkjali (1969), statwi fil-konkrit ta' Mosè u ta' Elija għall-faċċata tal-knisja parrokkjali (1971) u oħrajn għall-istess knisja li juru lil Sant'Anna u lil San Ġwakkin (1972), lunetti fl-istucco li juru lil Ġuditta, lil Ester, lil Isaija u lil David (1974); monument tal-bronz għas-Santwarju tal-Madonna (1990) li kien inawgurat mill-Papa Ġwanni Pawlu II

**Il-Mosta:** ħadem fuq l-iskultura ta' żewġ koppli żgħar fi żmien l-Arċipriet Pawl Galea (1948), San Ġużepp għall-Kunvent ta' Santa Monika (1966), Santa Maria Goretti u San Tarċisju għall-Oratorju tal-Qalb ta' Ġesù (1968); monument għall-Vittmi Qalbiena (1992), statwa tal-Papa Piju XII (1997) li tintrama fil-festa tal-Assunta, il-monument tal-bomba tar-Rotunda, monument lil E.B. Vella u monument lil Dun Anġ Camilleri



Il-monument tal-Anzac fil-Ġnien tal-Argotti



Il-monument tal-Indipendenza fil-Furjana

**Pwales:** Kurċifiss (1981) u Il-Madonna tal-Pwales (1982) għall-knisja ta' din il-lokalità

**Ir-Rabat, Għawdex:** statwa tal-Madonna u Binha għal fuq il-koppla tal-Knisja ta' Pompei (1989, din tkissret bil-maltemp)

**Raħal Ġdid:** 'Faith, Hope and Charity' (1961), ir-Reżurezzjoni ta' Kristu għall-Qabar tal-Guillaumier Group of Companies (1981, mhux magħruf x'sar minnu) ilkoll fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata; statwi fl-irħam waħda ta' San Pietru u l-oħra ta' San Pawl (1995) għall-Knisja ta' Kristu Re, oħra ta' San Franġisk ta' Assisi (1996) u vara fl-injam ta' Kristu Re (1999) dejjem għall-istess parroċċa

**Ruma, l-Italja:** statwa ta' Santu Wistin għad-Dar tal-Agostinjani (1992)

**San Francisco, l-Istati Uniti:** statwa ta' San Pawl fil-bronż (1998)

**Santa Luċija:** l-altar ewlieni, l-ambone u tliet fonti tal-magħmudija (1970), l-erbatax-il stazzjon tal-Via Sagra (1973), Kristu Msallab fil-kappella tat-tabernaklu (1975) ilkoll għall-knisja parrokkjali

**Is-Siġġiewi:** monument pubbliku għat-Tabib Nikola Zammit (1977), monument tal-bronż għal Karmenu Vassallo (2007)

**Tas-Sliema:** erba' statwi fil-bronż, li juru lil Santu Wistin, lil Sant'Ambroġ, lil San Ġilormu u lil San Leo l-Kbir fil-Knisja ta' San Girgor (1966)